

# 1. Linji gwida dwar il-kriterji STS għat-titolizzazzjoni ABCP

---

EBA/GL/2018/08

---

12 ta' Diċembru 2018

---

## Linji Gwida

---

---

dwar il-kriterji STS  
għat-titolizzazzjoni ABCP

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 <sup>1</sup> Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u d-destinatarji l-oħrajn ta' dawn il-linji gwida msemija fil-paragrafu 8 iridu jaġhmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (e.ż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa ([jj.xx.ssss]). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika qabel din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza "EBA/GL/201x/xx". In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup>Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-kriterji fir-rigward tas-sempliċità, tal-istandardizzazzjoni u tat-trasparenza għat-titolizzazzjonijiet ta' karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCP) skont l-Artikoli 24 u 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017<sup>2</sup>.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-rekwiżiti fil-livell tat-tranżazzjonijiet u tal-programmi tat-titolizzazzjonijiet ABCP.
7. Jenftieg li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw dawn il-linji gwida f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2402 kif stipulat fl-Artikolu 1 tiegħu.

### Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29(1) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/2402 u lid-destinatarji l-oħra skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

---

<sup>2</sup>Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-15 ta' Mejju 2019.

## 4. Ġenerali

---

11. Għall-finijiet tar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 24 u fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rekwiżiti kollha fil-livell tat-tranżazzjonijiet u tal-programmi li jirreferu għall-iskoperturi sottostanti għandhom jiġu applikati biss għall-iskoperturi sottostanti konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 24(7) ta' dak ir-Regolamenti u huma ffinanzjati minn karta kummerċjali, faċilità ta' likwidità jew mezzi oħrajn.
12. Għall-finijiet tar-rekwiżiti fil-livell tat-tranżazzjoni speċifikati fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2402, meta jkun hemm bżonn li l-informazzjoni ssir disponibbli jew tiġi divulgata lill-investituri jew lil investituri potenzjali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandha tintfiehmet bħala li din għandha ssir disponibbli jew tiġi żvelata lill-investituri jew lil investituri potenzjali fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP u partijiet oħrajn esposti b'mod dirett għar-riskju ta' kreditu ta' tranżazzjoni ABCP. Meta, minkejja dan, l-informazzjoni ssir disponibbli jew tiġi żvelata lill-investituri jew lil investituri potenzjali fil-livell tal-programmi ABCP, din tista' ssir disponibbli jew tiġi żvelata f'forma aggregata u anonimizzata.
13. Għall-finijiet tal-Artikolu 26, il-programmi ABCP li joħroġu żewġ tipi ta' karti kummerċjali garantiti b'assi, uħud li jkunu konformi mal-STS u xi wħud li ma jkunux konformi mal-STS, jenħtieġ li ma jitqisux bħala totalizzazzjonijiet STS.

## 5. Kriterji fil-livell tat-tranżazzjoni

---

### Bejgħ veru, assenjament jew trasferiment bl-istess effett legali, rappreżentazzjonijiet u garanziji (Artikolu 24(1) - 24(6))

#### Bejgħ veru, assenjament jew trasferiment bl-istess effett legali

14. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 u sabiex tiġi ssostanzjata l-fiduċja tal-partijiet terzi, inklużi partijiet terzi li jivverifikaw konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament u l-awtoritajiet kompetenti, fl-issodisfar tar-rekwiżiti speċifikati fih, jenħtiegħ li jiġi pprovdut dan kollu li ġej:
  - (a) konferma tal-bejgħ veru jew konferma li, skont il-qafas nazzjonali applikabbli, l-assenjament jew it-trasferiment jissegregaw l-iskoperturi sottostanti mill-bejjieġħ, mill-kredituri tiegħu u mil-likwidaturi tiegħu, inkluż f'każ tal-insolvenza tal-bejjieġħ, bl-istess effett legali bħal dak miksub permezz ta' mezzi oħra ta' bejgħ veru;
  - (b) konferma tal-infurzabbiltà tal-bejgħ veru, assenjament jew trasferiment bl-istess effett legali msemmi fil-punt (a) kontra l-bejjieġħ jew kwalunkwe parti terza oħra, skont il-qafas legali nazzjonali applikabbli;
  - (c) valutazzjoni ta' riskji ta' rkupru u riskji ta' karatterizzazzjoni mill-ġdid.
15. Il-konferma tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 14 jenħtiegħ li tinkiseb bl-għoti ta' opinjoni legali pprovduta permezz ta' parir legali kkwalfikat għall-ewwel tranżazzjoni ABCP biss fi programm ABCP u li tkun inħarġet mill-istess bejjieġħ, li juża l-istess mekkaniżmu legali u li għalih japplika l-istess qafas legali.
16. L-opinjoni legali msemmija fil-paragrafu 15 jenħtiegħ li tkun aċċessibbli u ssir disponibbli għal kwalunkwe parti terza rilevanti li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti minn fost dawk imsemmija fl-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament.

#### Deterjorament sever fis-sitwazzjoni tal-kwalità kreditizja tal-bejjieġħ;

17. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP għandha tidentifika, fir-rigward tal-iskattatur ta' "deterjorament sever fis-sitwazzjoni tal-kwalità kreditizja tal-bejjieġħ" il-livelli limiti tal-kwalità kreditizja li huma oġġettivament osservabbli u relatati mas-saħħa finanzjarja tal-bejjieġħ.

## Insolvenza tal-bejjiegħ

18. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(5)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskattatur tal-“insolvenza tal-bejjiegħ” jenħtieġ li tal-anqas jirreferi għall-avvenimenti ta' insolvenza legali kif definit fl-oqfsa legali nazzjonali.

## Kriterji ta' eliġibbiltà għal skoperturi sottostanti, immaniġġar tal-portafoll attiv (Artikolu 24(7))

### Immaniġġar tal-portafoll attiv

19. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li l-immaniġġar tal-portafoll attiv jinftiehem bħala mmaniġġar ta' portafoll li għalih tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:
- (a) l-immaniġġar tal-portafoll jagħmel il-prestazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP dipendenti kemm fuq il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti kif ukoll fuq il-prestazzjoni tal-immaniġġar tal-portafoll tat-tranżazzjoni ABCP, u b'hekk jimpedixxi lill-investitur milli jimmudella r-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi sottostanti mingħajr ma jqis l-istrateġija tal-immaniġġar tal-portafoll tal-manigier tal-portafoll;
  - (b) l-immaniġġar tal-portafoll jitwettaq kemm għal finijiet spekulattivi li għandhom l-għan li jiksbu prestazzjoni aħjar, żieda fir-rendiment, redditi finanzjarji globali jew benefiċċji purament finanzjarji jew ekonomiċi oħra.
20. It-tekniki tal-immaniġġar tal-portafoll li ma għandhomx jitqiesu bħala mmaniġġar tal-portafoll attiv jinkludu:
- (a) is-sostituzzjoni jew ix-xiri mill-ġdid ta' skoperturi sottostanti minħabba l-ksur tar-rappreżentazzjonijiet jew tal-garanziji;
  - (b) is-sostituzzjoni jew xiri mill-ġdid tal-iskoperturi sottostanti li huma soġġetti għal tilwim regolatorju jew investigazzjoni regolatorja sabiex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim jew it-tmiem tal-investigazzjoni;
  - (c) ir-rikostituzzjoni tal-iskoperturi sottostanti biż-żieda ta' skoperturi sottostanti bħala sostitut għal skoperturi amortizzati jew inadempjenti matul il-perjodu rotanti;
  - (d) l-akkwiżizzjoni ta' skoperturi sottostanti ġodda matul il-perjodu 'taż-żieda' għat-tnejnija tal-valur tal-iskoperturi sottostanti mal-valur tal-obbligi ta' titolizzazzjoni;
  - (e) ix-xiri mill-ġdid ta' skoperturi sottostanti fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-opzjonijiet ta' xiri clean-up, skont l-Artikolu 244(3)(g) tar-Regolament (UE) 2017/2401;
  - (f) ix-xiri mill-ġdid ta' skoperturi inadempjenti sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-irkupru u l-likwidazzjoni fir-rigward ta' dawk l-iskoperturi;



- (g) x-xiri mill-ġdid ta' skoperturi sottostanti skont l-obbligu ta' xiri mill-ġdid skont l-Artikolu 24(11) tar-Regolament (UE) Nru 2017/2402;

### Kriterji ta' eliġibbiltà ċari

21. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li jinftiehem li l-kriterji huma "ċari" fejn huwa possibbli li l-konformità magħhom tiġi ddeterminata minn qorti jew tribunal, bħala kwistjoni ta' liġi jew fatt jew tat-tnejn.

### Kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu ssodisfati għal skoperturi ttrasferiti lill-SSPE wara l-għeluq tat-tranżazzjoni

22. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, "jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali" għandha tinftiehem li tirreferi għal kriterji ta' eliġibbiltà li jikkonformaw ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ABCP li ma joħroġux serje multipli ta' titoli, mhuma xejn anqas stretti mill-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali fl-għeluq tat-tranżazzjoni;

(b) fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ABCP li joħroġu serje multipli ta' titoli inklużi fiduċjarji prinċipali, mhuma xejn anqas stretti mill-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali fil-ħruġ l-aktar riċenti, bir-riżultati li l-kriterji ta' eliġibbiltà jistgħu jvarjaw minn qed jagħlqu għal qed jagħlqu, bil-ftehim tal-partijiet tat-titolizzazzjoni u skont id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP.

23. Il-kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu applikati għall-iskoperturi sottostanti skont il-paragrafu 22 jenħtieġ li jkunu speċifikati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP u jenħtieġ li jirreferu għall-kriterji ta' eliġibbiltà fil-livell tal-iskopertura.

### L-ebda titolizzazzjoni mill-ġdid fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP (Artikolu 24(8))

24. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, is-segmentar fi tranżazzjoni ABCP jista' jinkiseb permezz tal-ħruġ ta' noti senior u junior minn SSPE fejn nota senior unika tiġi ttrasferita lil entità tax-xiri ta' programm ABCP.

25. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi sottostanti ta' tranżazzjoni ABCP fejn inħarġu kemm noti junior kif ukoll senior u ntrat nota senior unika mill-entità tax-xiri ta' programm ABCP jenħtieġ li jinftiehem bħala l-skoperturi sottostanti tan-nota senior unika li huma soġġetti għat-titolizzazzjoni fi ħdan il-programm ABCP, u mhux in-nota senior unika nnifisha.

26. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn noti senior maħruġa minn SSPE jinqasnu f'żewġ noti jew aktar *pari passu* (prorata) f'tali struttura ta' kofinanzjament, jenħtieġ li jitqiesu bħala li ma jstabbilixxux segmentar addizzjonali u għalhekk l-iskoperturi sottostanti ta' tali titolizzazzjoni jenħtieġ li jitqiesu bħala li ma jinkludu l-ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.

## L-ebda skopertura fl-inadempjenza u għal debituri/garanti bi kreditu indebolit (Artikolu 24(9))

### Skoperturi fl-inadempjenza

27. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li l-iskoperturi fl-inadempjenza jiġu interpretati fis-sens tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, kif jispeċifika aktar ir-Regolament Delegat dwar il-livell limitu tal-materjalità għall-obbligi ta' kreditu wara d-data tal-għeluq żviluppata skont l-Artikolu 178 ta' dak ir-Regolament, u mil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza żviluppata skont l-Artikolu 178(7) ta' dak ir-Regolament.
28. Meta bejjiegħ ma jkunx istituzzjoni u għalhekk ma jkunx soġġett għar-Regolament (UE) 575/2013, jenħtieġ li l-bejjiegħ jikkonforma mal-gwida pprovduta fil-paragrafu preċedenti sakemm tali applikazzjoni ma tkunx titqies bħala piż żejjed. F'dak il-każ, il-bejjiegħ għandu japplika l-proċessi stabbiliti u l-informazzjoni miksuba mid-debituri dwar l-oriġini tal-iskoperturi, l-informazzjoni miksuba mill-oriġinatur matul is-servisjar tiegħu tal-iskoperturi jew matul il-proċedura ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu jew l-informazzjoni nnotifikata lill-bejjiegħ minn parti terza.

### Skoperturi għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit

29. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402, iċ-ċirkostanzi speċifikati fil-punti (a) sa (c) ta' dak il-paragrafu jenħtieġ li jinftehem bħala definizzjonijiet ta' indeboliment tal-kreditu. Ċirkostanzi oħra possibbli ta' indeboliment tal-kreditu tad-debitur jew tal-garanti li mhumiex inklużi fil-punti (a) sa (c) jenħtieġ li jitqiesu bħala esklużi minn dan ir-rekwiżit.
30. Il-projbizzjoni tal-għażla u tat-trasferiment għall-SSPE tal-iskoperturi sottostanti "għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit" kif msemmi fl-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li tinftiehem bħala r-rekwiżit li, fil-mument tal-għażla, għandu jkun hemm rikors għall-ammont sħiħ ta' skopertura titolizzata sħiħ għal mill-anqas parti mhux bi kreditu indebolit, irrispettivament minn jekk dik il-parti tkunx debitur jew garanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux xi waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) skoperturi għal debitur bi kreditu indebolit, meta ma jkunx hemm garanti għall-ammont sħiħ ta' skoperturi titolizzati;
  - (b) skoperturi għal debitur bi kreditu indebolit li għandu garanti bi kreditu indebolit.

### Sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali

31. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402 l-istandard ta' "sa fejn jaf" jenħtieġ li jitqies bħala ssodisfat biss abbażi tal-informazzjoni miksuba minn kwalunkwe waħda mill-kombinazzjonijiet ta' sorsi u ċirkostanzi li ġejjin:
  - (a) debituri dwar l-oriġini tal-iskoperturi;

- (b) l-oriġinatur matul is-servisjar tal-iskoperturi tiegħu jew matul il-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu;
- (c) notifikasi lill-oriġinatur minn parti terza;
- (d) informazzjoni disponibbli pubblikament jew informazzjoni dwar kwalunkwe entrata f'wieħed mir-reġistri tal-kreditu jew aktar ta' persuni bi storja ta' kreditu negattiva fil-mument tal-oriġini ta' skopertura sottostanti, sa fejn dik l-informazzjoni tkun diġà tqieset fil-kuntest ta' (a), (b) u (c) biss, u skont ir-rekwiżiti regolatorji u superviżorji applikabbli, inkluż fir-rigward ta' kriterji tal-għoti ta' kreditu tajba kif speċifikat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Dan bl-eċċezzjoni ta' riċevibbli tan-negożju li ma jkunux oriġinaw fil-forma ta' self, li fir-rigward tagħhom il-kriterji tal-għoti ta' kreditu ma jkunx hemm bżonn li jiġu ssodisfati.

### Esponimenti għal debituri jew garanti bi kreditu indebolit li jkunu għaddew minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn

32. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rekwiżit biex jiġu esklużi skoperturi għal debituri jew garanti bi kreditu indebolit li jkunu għaddew minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn fir-rigward tal-iskoperturi improduttivi tagħhom jenħteġ li jinftiehem bħala li jirreferi kemm għall-iskoperturi ristrutturati tad-debitur jew tal-garanti rispettiv kif ukoll tal-iskoperturi tiegħu li huma nfushom ma kinux soġġetti għal ristrutturar. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskoperturi ristrutturati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-punti (i) u (ii) ta' dak l-Artikolu jenħteġ li ma jwasslux biex id-debitur jew il-garanti jiġi deżinjat bħala bi kreditu indebolit.

### Reġistru tal-kreditu

33. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 24(9)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħteġ li jkun limitat għal skoperturi lil debitur jew garanti li għalihom japplikaw iż-żewġ rekwiżiti li ġejjin fil-mument tal-oriġini tal-iskopertura sottostanti:
- (a) id-debitur jew il-garanti jidhru b'mod espliċitu f'reġistru tal-kreditu bħala entità bi storja tal-kreditu negattiva minħabba status negattiv jew informazzjoni negattiva maħżuna fir-reġistru tal-kreditu;
  - (b) id-debitur jew il-garanti jkunu fir-reġistru tal-kreditu għal raġunijiet rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

### Riskju li pagamenti maqbula b'mod kuntrattwali li ma jsirux ikunu ogħla b'mod sinifikanti milli għal skoperturi komparabbli

34. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi m'għandhomx jiġu kkunsidrati li għandhom "klassifikazzjoni tal-kreditu jew evalwazzjoni tal-kreditu li tindika li r-riskju li ma jsirux il-pagamenti kuntrattwalment maqbulin huwa ferm ogħla minn dak ta' skoperturi komparabbli miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati" meta japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti huma simili;
  - (b) bħala riżultat tax-xebħ imsemmi fil-punt (a) kien jagħmel sens, li abbażi ta' indikazzjonijiet bħall-prestazzjoni tal-passat jew il-mudelli applikabbli, ikun mistenni li matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, jew matul mhux aktar minn erba' snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni ma tkunx itwal minn erba' snin, li l-prestazzjoni tagħhom ma tkunx differenti b'mod sinifikanti.
35. Ir-rekwiżit fil-paragrafu preċedenti jenħtieġ li jitqies bħala ssodisfat inkluż meta tapplika waħda dawn li ġejjin:
- (a) l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi li huma kklassifikati bħala dubjużi, indeboliti, mhux produttivi jew ikklassifikati għal effett simili skont il-prinċipji ta' kontabbiltà rilevanti;
  - (b) l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi li l-kwalità tal-kreditu tagħhom, ibbażata fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew livelli limiti tal-kwalità tal-kreditu oħra, ivarjaw b'mod sinifikanti mill-kwalità tal-kreditu ta' skoperturi komparabbli li l-originator joriġina matul l-operazzjonijiet ta' self standard u l-istrateġija tar-riskju tal-kreditu tiegħu.

### **Tal-anqas isir pagament wieħed (Artikolu 24(10))**

#### **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju**

36. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, avvanzi ulterjuri f'termini ta' skopertura għal mutwatarju partikolari ma għandhomx jitqiesu li jixkattaw rekwiżit ta' "tal-anqas pagament wieħed" ġdid fir-rigward ta' tali skopertura.

#### **Tal-anqas pagament wieħed**

37. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-pagament imsemmi fir-rekwiżit skont liema "tal-anqas pagament wieħed" kellu jsir fil-mument tat-trasferiment jenħtieġ li jkun pagament ta' kiri, ta' kapital jew ta' mgħax jew kwalunkwe tip ta' pagament ieħor.

#### **Maturità rilevanti**

38. Ir-rekwiżit tal-Artikolu 24(13) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li l-maturità ta' anqas minn sena jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-maturità legali inizjali ta' skopertura u mhux għall-maturità residwa ta' skopertura.

## L-ebda dipendenza b'mod prevalenti fuq il-bejgħ ta' assi (Artikolu 24(11))

### Dipendenza b'mod prevalenti fuq il-bejgħ ta' assi

39. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, tranżazzjonijiet, fejn japplikaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, fil-mument tal-oriġini tat-tranżazzjoni f'każijiet ta' titolizzazzjoni amortizzanti jew matul il-perjodu rotanti f'każijiet ta' titolizzazzjoni rotanti, jenħtieġ li jitqiesu bħala mhux dipendenti b'mod prevalenti fuq il-bejgħ ta' assi li jiżguraw l-iskoperturi sottostanti, u għalhekk jiġu permessi:
- (a) il-bilanċ prinċipali pendenti maqbul b'mod kuntrattwali mal-maturità tal-kuntratt, tal-iskoperturi sottostanti li jiddependu mill-bejgħ tal-assi li jiżguraw dawk l-iskoperturi sottostanti għall-ħlas lura tal-bilanċ prinċipali, li jikkorrispondi għal mhux aktar minn 50 % tal-valur ta' skopertura inizjali totali tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha tat-titolizzazzjoni;
  - (b) il-maturitajiet tal-iskoperturi sottostanti msemmija fil-punt (a) mhumiex soġġetti għall-konċentrazzjonijiet materjali u huma distribwiti biżżejjed tul il-ħajja tat-tranżazzjoni;
  - (c) il-valur ta' skopertura aggregat tal-iskoperturi sottostanti kollha msemmija fil-punt (a) għal debitor uniku ma jaqbżux 2 % tal-valur ta' skopertura aggregat tal-iskoperturi sottostanti kollha fit-totalizzazzjoni.
40. Meta fit-titolizzazzjoni ma jkun hemm l-ebda skopertura sottostanti li tiddependi mill-bejgħ ta' assi biex jiġiħallas lura l-bilanċ prinċipali pendenti tagħhom mal-maturità tal-kuntratt, ma jenħtieġ li r-rekwiżiti fil-paragrafu **Error! Reference source not found.** japplikaw.

### Eżenzjoni prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402

41. Għall-għan tal-eżenzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402 fir-rigward tar-ripagament tad-detenturi ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li l-iskoperturi sottostanti tagħhom huma garantiti minn assi, li l-valur tagħhom huwa garantit jew immitigat bis-sħiħ minn obbligu ta' xiri mill-ġdid jew tal-assi li jassiguraw l-iskoperturi sottostanti jew tal-iskoperturi sottostanti nfushom minn parti terza jew partijiet oħra, il-bejjiegħ jew il-partijiet terzi għandhom jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) mhumiex insolventi;
  - (b) ma hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jemmin li l-entità ma tkunx kapaċi tissodisfa l-obbligi tagħhom skont l-obbligu ta' garanzija jew ta' xiri mill-ġdid.

## Mitigazzjoni xierqa tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-kambju fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP (Artikolu 24(12))

### Mitigazzjoni xierqa tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-kambju

42. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402 sabiex ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-kambju li jirriżultaw mit-titolizzazzjoni jiġu kkunsidrati “mitigati b’mod xieraq”, għandu jkun biżżejjed li ħeġġ jew mitigazzjoni jkunu fis-seħħ, bil-kundizzjoni li ma jkunux limitati b’mod mhux tas-soltu bl-effett li jkopru sehem ewlieni tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew tal-kambju skont xenarji rilevanti, mifhuma minn perspettiva ekonomika. Tali mitigazzjoni tista’ tiegħu wkoll il-forma ta’ derivattivi jew miżuri ta’ mitigazzjoni oħrajn inklużi fondi ta’ riżerva, sovrakollateralizzazzjoni, marġni pożittiv jew miżuri oħra.
43. Fejn il-mitigazzjoni xierqa tar-riskji taċ-ċaqliq tar-rata tal-imgħax u tal-kambju titwettagħ permezz ta’ derivattivi, ir-rekwiżiti kollha li ġejjin għandhom japplikaw:
- (a) jenħtieġ li d-derivattivi jintużaw biss għal iħħeġġjar ġenwin ta’ spariġġi bejn assi u obligazzjonijiet ta’ rati tal-imgħax u tal-kambju, u jenħtieġ li ma jintużawx għal finijiet spekulattivi;
  - (b) jenħtieġ li d-derivattivi jkunu bbażati fuq dokumentazzjoni aċċettata b’mod komuni inkluż mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Iswards u tad-Derivattivi (ISDA) jew standards tad-dokumentazzjoni nazzjonali stabbiliti simili;
  - (c) id-dokumentazzjoni derivattiva għandha tipprovdi, fil-każ ta’ telf ta’ affidabbiltà kreditizja suffiċjenti tal-kontroparti inqas minn ċertu livell, imkejla jew abbażi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew mod ieħor, li l-kontroparti hija soġġetta għal rekwiżiti ta’ kollateralizzazzjoni jew tagħmel sforz raġonevoli għas-sostituzzjoni tagħha jew garanzija minn kontroparti oħra.
44. Meta l-mitigazzjoni tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-kambju msemmija fl-Artikolu 24(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402 titwettagħ mhux permezz ta’ derivattivi iżda permezz ta’ miżuri ta’ mitigazzjoni tar-riskju oħrajn, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu ddisinjati biex ikunu robusti biżżejjed Meta tali miżuri ta’ mitigazzjoni tar-riskju jintużaw biex jimmitigaw riskji multipli fl-istess ħin, id-divulgazzjoni mitluba mill-Artikolu 24(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li tinkludi spjegazzjoni ta’ kif il-miżuri jiħħeġġjaw ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u r-riskji tal-kambju minn naħa, u riskji oħra min-naħa l-oħra.
45. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 43 u 44, kif ukoll ir-raġunament li jappoġġa l-idoneità tal-mitigazzjoni tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-kambju matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, jenħtieġ li jiġu divulgati.

### Derivattivi

46. Għall-fini tal-Artikolu 24(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, skoperturi fil-pula ta’ skoperturi sottostanti li sempliċement fihom komponent derivattiv li jservi esklussivament għall-iskop ta’ hedging dirett tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew tar-riskju tal-kambju tal-iskopertura

sottostanti rispettiva fiha innifisha, li mhumiex huma stess derivattivi, m'għandhomx jinftiehm li huma projbiti.

### Standards komuni fil-finanzi internazzjonali

47. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandards komuni fil-finanzi internazzjonali jenħtieġ li jinkludu l-ISDA jew standards ta' dokumentazzjoni nazzjonali stabbiliti simili.

### Rimedji u azzjonijiet relatati mad-delinkwenza u l-inadempjenza tad-debitur (Artikolu 24(13))

#### Termini ċari u konsistenti

48. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(13) tar-Regolament (UE) 2017/2402, li "tistabilixxi termini ċari u konsistenti" u li "tispeçifika b'mod ċar" jenħtieġ li jinftiehm bħala li jitolbu l-użu tal-istess termini preçizi matul id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP sabiex tiġi ffaçilitata l-ħidma tal-isponser u ta' partijiet oħrajn esposti direttament għar-riskju tal-kreditu tat-tranżazzjoni ABCP.

#### Rappurtar ta' bidliet fil-prijoritajiet tal-pagamenti

49. Ir-rekwiżit skont l-Artikolu 24(13) tar-Regolament (UE) 2017/2402 għar-rappurtar mingħajr dewmien żejjed lill-investituri tal-bidliet kollha fil-prijoritajiet tal-pagament li se jaffettwaw b'mod negattiv materjalment ir-ripagament tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni għandu japplika fir-rigward tal-partijiet kollha esposti direttament għar-riskju tal-kreditu tat-tranżazzjoni ABCP kif ukoll fir-rigward tal-investituri fil-livell tal-programm ABCP.

### Data dwar il-prestazzjoni tat-telf u ta' inadempjenza fil-passat (Artikolu 24(14))

#### Data esterna

50. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(14) tar-Regolament (UE) 2017/2402, meta l-bejjiegħ ma jkunx jista' jipprova data f'konformità mar-rekwiżiti tad-data fih, tista' tintuża data esterna li tkun disponibbli għall-pubbliku, jew data pprovduta minn parti terza bħal aġenzija tal-klassifikazzjoni jew parteċipant ieħor tas-suq, dejjem jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dak l-Artikolu.

#### Skoperturi sostanzjalment simili

51. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(14) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu "skoperturi sostanzjalment simili" jenħtieġ li jinftiehm bħala li jirreferi għal skoperturi li għalihom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti huma simili;
  - (b) bħala riżultat tax-xebh imsemmi fil-punt (a) kien jagħmel sens, li abbażi ta' indikazzjonijiet bħall-prestazzjoni tal-passat jew il-mudelli applikabbli, jiġi mistenni li matul il-ħajja tat-

tranżazzjoni, jew matul mhux aktar minn erba' snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni ma tkunx itwal minn erba' snin, li l-prestazzjoni tagħhom ma tkunx differenti b'mod sinifikanti.

52. L-iskoperturi sostanzjalment simili ma għandhomx ikunu limitati għal skoperturi miżmuma fil-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur.

### **Omoġeneità, obbligi tal-iskoperturi sottostanti, flussi ta' pagamenti perjodiċi, l-ebda titolu trasferibbli (Artikolu 24(15))**

#### **Kalkolu tal-ħajja medja ponderata tal-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti**

53. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(15), id-durata medja ponderata (WAL) tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jenħtieġ li tiġi kkalkulata bl-ipponderar tal-ħin biss ta' dawk ir-ripagamenti ta' ammonti prinċipali u jenħtieġ li ma tqisx xi preżunzjonijiet ta' prepagament jew kwalunkwe pagament relatat ma' tariffi jew imgħax li għandhom jitħallsu mid-debituri tal-iskoperturi sottostanti.
54. Meta tiġi ddeterminata l-WAL tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti ta' tranżazzjoni ABCP, il-bejjiegħa u l-isponsors jistgħu jużaw il-maturità massima jew il-WAL massima tal-iskoperturi sottostanti fl-aggregazzjoni kif definit fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP minflok il-maturità residwa proprja tal-iskoperturi sottostanti individwali.

#### **Obbligi eżegwibbli u kuntrattwalment vinkolanti**

55. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402, "obbligi li huma kuntrattwalment vinkolanti u eżegwibbli, b'rikors sħiħ għad-debituri u, fejn applikabbli, għall-garanti" jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-obbligi kollha fl-ispeċifikazzjoni kuntrattwali tal-iskoperturi sottostanti rilevanti għall-investituri minħabba li jaffettwaw kwalunkwe obbligu mid-debitur u, fejn applikabbli, il-garanti biex jagħmlu pagamenti jew jipprovdu sigurtà.

#### **Skoperturi bi flussi ta' pagament perjodiċi**

56. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402, skoperturi bi flussi ta' pagament perjodiċi definiti jenħtieġ li jinkludu:
- (a) skoperturi pagabbli f'pagament uniku fil-każ ta' titolizzazzjoni rotanti, kif imsemmi fl-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402;
  - (b) skoperturi relatati ma' faċilitajiet tal-kards tal-kreditu;
  - (c) skoperturi bi ħlasijiet li jikkonsistu minn imgħax u meta l-kapital jitħallas mill-ġdid mal-maturità, inklużi ipoteki tal-imgħax biss;
  - (d) skoperturi b'pagamenti li jikkonsistu mill-imgħax u mir-ripagament ta' porzjon tal-kapital, meta tiġi ssodisfata waħda jew l-oħra mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
    - (i) il-kapital li jifdal jiġi ripagat mal-maturità;



(ii) ir-ripagament tal-kapital huwa dipendenti mill-bejgħ ta' assi li jiżguraw l-iskopertua, skont l-Artikolu 24(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u l-paragrafi 39 sa 40;

(e) skoperturi b'pawżi mill-pagament temporanji kif maqbula kuntrattwalment bejn id-debitur u l-mutwant.

## Pagamenti tal-imgħax imsemmi (Artikolu 24(16))

### Rati msemmija

57. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(16) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rati tal-imgħax li jenħtiegħ li jiġu meqjusa bħala bażi ta' referenza adegwata għal pagamenti tal-imgħax imsemmi jenħtiegħ li jinkludu dan kollu li ġej:

- (a) rati interbankarji inkluż Libor, Euribor, is-suċċessuri tagħhom u punti ta' riferiment rikonoxxuti;
- (b) rati stabbiliti minn awtoritajiet tal-politika monetarja, inklużi rati tal-fondi FED, u rati ta' skont tal-bank ċentrali;
- (c) rati settorjali li jirriflettu l-kost tal-fondi ta' mutwant, inklużi rati varjabbli standard u rati ta' mgħax interni li jirriflettu b'mod dirett l-ispejjeż tas-suq tal-finanzjament ta' bank jew subsett ta' istituzzjonijiet, sal-punt li tkun ipprovduta biżżejjed data lill-investituri biex ikunu jistgħu jevalwaw ir-relazzjoni tar-rati settorjali ma' rati oħra tas-suq.
- (d) fir-rigward tal-pagamenti tal-imgħax imsemmi skont l-obbligazzjonijiet tat-tranżazzjoni ABCP, ir-rati tal-imgħax li jirriflettu l-ispiża tal-fondi ta' programm ABCP.

### Formuli u derivattivi kumplessi

58. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(16) tar-Regolament (UE) 2017/2402, formola jenħtiegħ li titqies bħala kumplessa meta tissodisfa d-definizzjoni ta' strument eżotiku mill-Assoċjazzjoni Globali tal-Professjonisti tar-Riskju (GARP), li huwa ass finanzjarju jew strument b'elementi li jagħmluh aktar kumpless minn prodotti normali u aktar sempliċi. Il-formola jew derivattiv kumplessi ma għandhomx jitqiesu bħala li jeżistu fil-każ tas-sempliċi użu ta' limiti tal-imgħax massimi jew minimi.

## Rekwiżiti fil-każ ta' inadempjenza tal-bejgiegħ jew avveniment ta' aċċellerazzjoni (Artikolu 24(17))

### Ċirkostanzi eċċezzjonali

59. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(17)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402, lista ta' "ċirkostanzi eċċezzjonali", sa fejn possibbli, jenħtiegħ li tiġi inkluża fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP.

Minħabba n-natura taç-“ċirkostanzi eċċezzjonali” u sabiex ikun hemm lok għal ftit tal-flessibbiltà fir-rigward taç-ċirkostanzi potenzjali mhux tas-soltu li jitolbu li l-flus jinżammu fl-SSPE fl-aħjar interessi tal-investituri, meta lista ta’ “ċirkostanzi eċċezzjonali” tiġi inkluża fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP skont il-paragrafu 59, tali lista jenħtieġ li tkun mhux eżawrjenti.

### Ammont maqbud fl-SSPE fl-aħjar interessi tal-investituri

60. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(17)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-ammont ta’ flus li għandu jitqies bħala maqbud fl-SSPE jenħtieġ li jkun dak maqbul mill-fiduċjarju jew minn rappreżentant ieħor tal-investituri li jkun legalment mitlub jaġixxi fl-aħjar interessi tal-investituri, jew mill-investituri skont id-dispożizzjonijiet tal-votazzjoni stabbiliti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni ABCP.
61. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(17)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402, għandu jkun permissibbli li flus jinqabdu fl-SSPE fil-forma ta’ fond ta’ riżerva għal użu futur, diment li l-użu tal-fond ta’ riżerva jkun esklussivament limitat għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 24(17)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jew għar-ripagament regolari lill-investituri.

### Ripagament

62. Ir-rekwiżiti fl-Artikolu 24(17)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li jinftehem bħala li jkopru biss ir-ripagament tal-kapital, mingħajr ma jkopru r-ripagament tal-imgħaxxijiet.
63. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(17)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402, pagamenti mhux sekwenzjali ta’ kapital f’sitwazzjoni fejn ikun twassal avviż ta’ infurzar jew ta’ aċċellerazzjoni jenħtieġ li jiġu pprojbiti. Meta ma jkun hemm l-ebda avveniment ta’ infurzar jew ta’ aċċellerazzjoni, jistgħu jiġu permessi rċevuti ta’ kapital għall-finijiet ta’ rikostituzzjoni skont l-Artikolu 24(10)) ta’ dak ir-Regolament.

### Likwidazzjoni tal-iskoperturi sottostanti fil-valur tas-suq

64. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(17)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-deċiżjoni tal-investituri fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP jew fil-livell tal-programm ABCP sabiex jiġu likwidati l-iskoperturi sottostanti fil-valur tas-suq ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu likwidazzjoni awtomatika tal-iskoperturi sottostanti fil-valur tas-suq.

## Standards ta’ sottoskrizzjoni, għarfien espert tal-bejjieġħ (Artikolu 24(18))

### Skoperturi simili

65. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(18) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li l-iskoperturi jitqiesu bħala simili meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) l-iskoperturi jappartjenu għal waħda mill-kategoriji ta’ assi li ġejjin imsemmija fir-Regolament Delegat li jkompli jispeċifika liema skoperturi sottostanti huma meqjusa bħala omoġeni għall-finijiet tal-Artikoli 20(8) u 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402:

- (i) self residenzjali żgurat b'ipoteka waħda jew b'diversi ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali, jew self residenzjali garantit kompletament minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli fost dawk imsemmija fl-Artikolu 201(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikkwalifika għal-livell 2 tal-kwalità tal-kreditu jew oġġla kif stipulat fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 ta' dak ir-Regolament;
  - (ii) self kummerċjali żgurat b'ipoteka waħda jew b'diversi ipoteki fuq proprjetà kummerċjali immobbli jew lok kummerċjali ieħor;
  - (iii) faċilitajiet ta' kreditu pprovduti lil individwi għal skopijiet ta' konsum personali, tal-familja jew tal-unità domestika;
  - (iv) self għal jew kirjiet ta' karozzi;
  - (v) riċevibbli tal-karti tal-kreditu;
  - (vi) riċevibbli tan-negozju.
- (b) l-iskoperturi jaqgħu taħt il-kategorija tal-assi ta' faċilitajiet ta' kreditu pprovduti lil intrapriżi u korporazzjonijiet mikro, żgħar, ta' daqs medju u tipi oħrajn inkluż self u kirjiet, kif imsemmi fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament Delegat li jispeċifika aktar liema skoperturi sottostanti huma meqjusin omoġeni skont l-Artikoli 20(8) u 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402, bħala skoperturi sottostanti ta' ċertu tip ta' debitur;
- (c) meta ma jkunu jappartjenu għall-ebda waħda mill-kategoriji ta' assi msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu u kif imsemmi fir-Regolament Delegat li jkompli jispeċifika liema skoperturi sottostanti jitqiesu bħala omoġeni skont l-Artikoli 20(8) u 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi sottostanti jikkondividu karatteristiċi simili fir-rigward tat-tip ta' debitur, klassifikazzjoni ta' drittijiet ta' sigurtà, tip ta' proprjetà immobbli u/jew ġurisdizzjoni.

### L-ebda standard ta' sottoskrizzjoni anqas strett

66. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(18) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati għal skoperturi titolizzati għandhom jitqabblu mal-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati għal skoperturi simili fil-mument tal-orijini tal-iskoperturi titolizzati.
67. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit ma għandhiex tirrikjedi li l-oriġinatur jew li l-mutwant oriġinali jkollhom skoperturi simili jew oħrajn fil-karta tal-bilanċ tiegħu fil-mument tal-għażla tal-iskoperturi titolizzati jew fl-istess żmien tat-titolizzazzjoni tagħhom, u lanqas ma jenħtieġ li tirrikjedi li skoperturi simili jew kwalunkwe skopertura tkun fil-fatt oriġinat fil-mument tal-orijini tal-iskoperturi titolizzati.

### Divulgazzjoni tal-bidliet materjali minn standards ta' sottoskrizzjoni preċedenti

68. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(18) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-bidliet materjali għall-istandards ta' sottoskrizzjoni li hemm bżonn li jkunu divulgati kompletament jenħtieġ li jinftehem bħala dawk il-bidliet materjali fl-istandards ta' sottoskrizzjoni li huma applikati għall-iskoperturi li jiġu trasferiti lil, jew assenjati mill-SSPE wara l-għeluq tat-tranżazzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni tal-portafoll kif imsemmi fil-paragrafi 19 u 20.
69. Bidliet bħal standards ta' sottoskrizzjoni jenħtieġ li jitqiesu materjali meta jirreferu għal wieħed mit-tipi ta' bidliet ta' standards ta' sottoskrizzjoni li ġejjin:
- (a) bidliet li jaffettwaw ir-rekwiżit tax-xebħ tal-istandards ta' sottoskrizzjoni speċifikati aktar fid-dettall fir-Regolament Delegat li jispeċifika fid-dettall liema skoperturi sottostanti huma meqjusa omoġeni skont l-Artikoli 20(8) u 24(15) tar-Regolament (UE) 2017/2402;
  - (b) bidliet li materjalment jaffettwaw ir-riskju ta' kreditu globali jew il-prestazzjoni medja mistennija tal-portafoll tal-iskoperturi sottostanti mingħajr ma jirriżultaw f'approċċi sostanzjalment differenti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskoperturi sottostanti.
70. Id-divulgazzjoni tal-bidliet kollha għall-istandards ta' sottoskrizzjoni jenħtieġ li tinkludi spjegazzjoni tal-għan ta' tali bidliet.
71. Fir-rigward tar-riċevibbli tan-negozju li ma joriġinawx fil-forma ta' self, ir-referenza għall-istandards ta' sottoskrizzjoni fl-Artikolu 24(18) jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-istandards ta' kreditu applikati mill-bejjieġ għall-kreditu ta' terminu qasir b'mod ġenerali tat-tip li jwassal għall-iskoperturi titolizzati u propost lill-konsumaturi tiegħu fir-rigward tal-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi tiegħu.

### Kriterji għad-determinazzjoni tal-għarfien espert tal-bejjieġ

72. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk il-bejjieġ għandux għarfien espert dwar skoperturi oriġinarji ta' natura simili għal dawk titolizzati skont l-Artikolu 24(18) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li japplikaw dawn li ġejjin:
- (a) il-membri tal-korp maniġerjali tal-bejjieġ u l-persunal superjuri minbarra l-membri tal-korp maniġerjali, responsabbli mill-ġestjoni tal-iskoperturi oriġinarji ta' natura simili jenħtieġ li jkollhom għarfien u ħiliet adegwati fl-oriġini ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati;
  - (b) kwalunkwe wieħed mill-prinċipji dwar il-kwalità tal-għarfien espert jenħtieġ li jittieħed inkonsiderazzjoni:
    - (i) ir-rwol u d-dmirijiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri u l-kapaċitajiet meħtieġa għandhom ikunu adegwati;

- (ii) L-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal superjuri li jkunu kisbu f'pożizzjonijiet preċedenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jkunu suffiċjenti;
  - (iii) L-involvement tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-funzjoni tal-ħolqien tal-iskoperturi jenħtieġ li jkun xieraq;
  - (iv) fil-każ ta' entità regolata b'mod prudenzjali, l-awtorizzazzjonijiet regolatorji jew il-permessi miżmuma mill-entità jenħtieġ li jitqiesu rilevanti għall-oriġini tal-iskoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati.
73. Bejjiegħ jitqies li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:
- (a) in-negozju tal-entità jew tal-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet kontabilistiċi jew prudenzjali, inkluda l-ħolqien ta' skoperturi simili għal dawk titolizzati, għal tal-anqas ħames snin;
  - (b) meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ma jiġix issodisfat, jenħtieġ li l-bejjiegħ jitqies li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:
    - (i) mill-inqas tnejn mill-membri tal-korp maniġerjali għandhom esperjenza professjonali rilevanti fil-ħolqien ta' skoperturi simili għal dawk titolizzati fil-livell personali, ta' mill-inqas ħames snin;
    - (ii) persunal superjuri, minbarra membri oħra tal-korp maniġerjali, li jkun responsabbli mill-ġestjoni tal-ħolqien ta' skoperturi tal-entità. simili għal dawk titolizzati, u li jkollu esperjenza professjonali rilevanti fil-ħolqien ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, f'livell personali, ta' mill-inqas ħames snin.
74. Sabiex jintwera n-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali, l-għarfien espert rilevanti jenħtieġ li jiġi divulgat f'dettall suffiċjenti u skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli biex l-investituri jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402.

### **Xkattaturi għat-terminazzjoni tal-perjodu rotanti fil-każ ta' tranżazzjoni ABCP rotanti (Artikolu 24(19))**

#### **Avveniment relatat mal-insolvenza fir-rigward tal-ġestur**

75. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(19)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402, avveniment relatat ma' insolvenza fir-rigward tal-ġestur jenħtieġ li jwettaq dawn li ġejjin:
- (a) jippermetti s-sostituzzjoni tal-ġestur sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tas-servisjar;
  - (b) jixkatta t-terminazzjoni tal-perjodu rotanti.

## **Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni (Artikolu 24(20))**

### **Divulgazzjoni ta' kif l-isponsor jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25(3)**

76. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(20)(d) tar-Regolament (UE) 2017/2402, kjarifika li l-isponsor issodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25(3) u li l-awtorità kompetenti ma oġġezzjonatx li l-istituzzjoni tal-kreditu taġixxi bħala sponsor ta' programm ABCP għandha tkun biżżejjed biex jitqies li kien hemm konformità ma' dan ir-rekwiżit ta' divulgazzjoni.

## 6. Kriterji fil-livell tal-programm

---

### Nuqqas ta' konformità temporanja limitata ma' ċerti kriterji fil-livell tat-tranżazzjoni STS (Artikolu 26(1))

#### Metodu tal-kalkolu tal-perċentwal tal-ammont ta' skoperturi aggregati ta' skoperturi mhux konformi

77. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-perċentwal tal-ammont ta' esponiment aggregat tal-iskoperturi mhux konformi jenħtieġ li jiġi ddeterminat bħala l-proporzjon ta' a għal b meta:
- $a$  = ammont aggregat tal-iskoperturi sottostanti għat-tranżazzjonijiet ABCP minbarra kwalunkwe skont tal-prezz tax-xiri li jkun iffinanzjat minn karta kummerċjali, faċilità ta' likwidità jew mezzi oħra, u jiksru l-paragrafu 9 jew 10 jew 11 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
  - $b$  = l-ammont aggregat tal-iskoperturi sottostanti għat-tranżazzjonijiet ABCP minbarra kwalunkwe skont tal-prezz tax-xiri ffinanzjat minn karta kummerċjali, faċilità ta' likwidità jew mezzi oħra.

#### Nuqqas ta' konformità temporanja

78. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, "temporanjament" għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data li fiha l-isponsor ikun sar konxju tan-nuqqas ta' konformità.

Meta mill-anqas skopertura sottostanti waħda tkun ilha tikser il-paragrafu 9 jew 10 jew 11 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għal aktar minn sitt xhur, jew meta l-perċentwal tal-ammont tal-iskopertura aggregata ta' skoperturi mhux konformi kkalkulati skont il-paragrafu 77 jaqbeż il-5 % fi kwalunkwe mument, ir-rekwiżit tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li jitqies bħala li ma ġiex issodisfat.

#### Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifika esterna

79. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-verifika esterna jenħtieġ li jkun rappreżentattiv tal-portafoll ta' skoperturi li jappartjenu għat-tranżazzjonijiet kollha ffinanzjati mill-programm ABCP.

#### Kamp ta' applikazzjoni u regolarità tal-verifika esterna

80. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li l-verifika esterna tkopri biss ir-rekwiżiti fil-livell tat-tranżazzjoni msemmija fil-paragrafi 9, 10 u 11 tal-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament.

81. Il-verifika esterna jenħtieġ li titwettaq mill-anqas kull sena.

### Partijiet eliġibbli biex jeżegwixxu l-verifika esterna

82. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li parti xierqa u indipendenti titqies bħala parti li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikollha l-esperjenza u l-kapaċità biex twettaq il-verifika;
- (b) ma tkun l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
  - (ii) parti terza li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
  - (iii) entità affiljata ma' sponsor.

### Metodu għaż-żieda fil-preċiżjoni tal-verifika

83. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/2402, l-isponsor jenħtieġ li:

- (a) jieħu l-passi xierqa biex jiżgura li l-perċentwal tal-ammont ta' skoperturi aggregati ta' skoperturi mhux konformi kif iddeterminat fil-paragrafu 77 ma jaqbix il-5 %, inkluż permezz tas-sostituzzjoni tal-iskoperturi sottostanti li mhumiex konformi;
- (b) jordna lill-parti li twettaq il-verifika esterna skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26(1) ta' dak ir-Regolament li, meta r-riżultat inizjali tal-verifika msemmija fil-paragrafu 81 jkun dak li s-sehem ta' skoperturi mhux konformi fil-kampjun inizjali jkun oġhla minn 5 %, dik il-parti ta' verifika esterna jenħtieġ li tapplika waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) iżżid id-daqs tal-kampjun sabiex ittejjeb materjalment il-livell ta' fiduċja u mbagħad tirrepeti l-verifika;
  - (ii) twettaq verifika tal-iskoperturi kollha fi fhdan il-programm ABCP minbarra kwalunkwe skont tal-prezz tax-xiri, li jkun iffinanzjat minn karta kummerċjali, faċilità tal-likwidità jew mezzi oħra.

84. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-isponsor jinnotifika lill-ESMA minnufih u jinforma lill-awtorità kompetenti tagħha skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li r-rekwiżiti tal-Artikolu 26(1) ta' dak ir-Regolament ma għadhomx qed jiġu ssodisfati, u li l-programm ABCP ma għandux jibqa' jitqies bħala STS.



### Ħajja medja ponderata li jifdal (Artikolu 26(2))

85. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-WAL tal-iskoperturi sottostanti ta' programm ABCP jenħtiegħ li tiġi kkalkulata bħala l-medja ponderata tal-iskopertura tal-WALs tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP, ikkalkulata skont il-paragrafi 53 u 54. Id-dati tal-kalkulazzjonijiet tal-WALs tal-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti fil-livell tat-tranżazzjoni ABCP jistgħu jvarjaw jekk id-differenza bejn id-dati tal-kalkolu tkun anqas minn xahar.

### L-ebda rititolizzazzjoni (Artikolu 26(4))

#### It-tieni saff ta' segmentar stabbilit mit-tishiĥ fil-kreditu

86. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, titjib tal-kreditu ma għandux jittqies li jstabbilixxi t-tieni saff ta' segmentar jekk il-flussi ta' flus lejn u mill-programm ABCP jistgħu jiġu replikati fiċ-ċirkostanzi u fil-kundizzjonijiet kollha minn skopertura għal titolizzazzjoni ta' aggregazzjoni ta' skoperturi li ma jkun fih l-ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.

### Mitigazzjoni xierqa tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-munita fil-livell tal-programm ABCP (Artikolu 26(6))

87. Ir-rekwiżit jenħtiegħ li jiġi applikat bil-mod speċifikat fil-paragrafi 42 sa 47 adattati biex jirreferu għal kwalunkwe riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u tal-munita fil-livell tal-programm ABCP.

### Dokumentazzjoni tal-programm ABCP (Artikolu 26(7))

#### Għarfien espert tal-isponsor fis-sottoskrizzjoni tal-kreditu

88. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-isponsor għandux l-għarfien espert fis-sottoskrizzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 26(7)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtiegħ li japplikaw dawn li ġejjin:
- (a) il-membri tal-korp maniġerjali tal-isponsor u tal-persunal superjuri, minbarra l-membri tal-korp maniġerjali, responsabbli mill-ġestjoni tas-sottoskrizzjoni tal-kreditu jenħtiegħ li jkollhom għarfien u ħiliet adegwati fis-sottoskrizzjoni tal-kreditu;
  - (b) kwalunkwe wieħed mill-prinċipji dwar il-kwalità tal-għarfien espert jenħtiegħ li jittieħed inkonsiderazzjoni:
    - (i) ir-rwol u d-dmirijiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri u l-kapaċitajiet meħtieġa għandhom ikunu adegwati;
    - (ii) l-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal superjuri li jkunu kisbu f'pożizzjonijiet preċedenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtiegħ li jkunu suffiċjenti;
    - (iii) l-involviment tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-funzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-kreditu jenħtiegħ li jkun xieraq;

- (iv) fil-każ ta' entità rregolata b'mod prudenzjali, l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi regolatorji miżmuma mill-entità jenħtieġ li jitqiesu rilevanti għas-sottoskrizzjoni tal-kreditu.
89. L-isponsor jitqies li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:
- (a) in-negozju tal-entità, jew tal-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet kontabilistiċi jew prudenzjali, kien jinkludi s-sottoskrizzjoni tal-kreditu għal mill-anqas ħames snin;
  - (b) meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ma jiġix issodisfat, l-isponsor jenħtieġ li jitqies bħala li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta jikkonforma ma' dawn li ġejjin:
    - (i) mill-anqas tnejn mill-membri tal-korp maniġerjali jkollhom esperjenza professjonali rilevanti fis-sottoskrizzjoni tal-kreditu, fuq livell personali, ta' mill-anqas ħames snin;
    - (ii) persunal superjuri, minbarra membri tal-korp maniġerjali, li jkunu responsabbli mill-ġestjoni tas-sottoskrizzjoni tal-kreditu tal-entità jkollhom l-esperjenza professjonali rilevanti fis-sottoskrizzjoni tal-kreditu, fuq livell personali, ta' mill-anqas ħames snin.
90. Sabiex jintwera n-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali, l-għarfien espert rilevanti jenħtieġ li jiġi divulgat f'dettall suffiċjenti u skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli biex l-investituri jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402.

### Faċilità ta' likwidità

91. Ir-rekwiżit fil-punt (f) tal-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li d-dokumentazzjoni tal-programm ABCP trid tippredvi l-fatt li l-faċilità ta' likwidità tiġi prelevata u r-ripagament tat-titoli li jkunu qed jimmaturaw f'każ li l-isponsor ma jgeddix l-impenn ta' finanzjament tal-faċilità ta' likwidità qabel l-iskadenza tagħha, jenħtieġ li jinftiehem bħala li japplika biss għal każijiet fejn l-isponsor ta' programm ABCP jappoġġa l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha f'livell ta' programm ABCP minn faċilità ta' likwidità unika. Meta, minflok, dan l-appoġġ jiġi pprovdut minn faċilitajiet ta' likwidità distinti għal kull tranżazzjoni ABCP u n-nuqqas ta' tiġdid tal-impenji ta' finanzjament ikun jikkonċerna sempliċiment faċilità ta' likwidità speċifika waħda għal tranżazzjoni ABCP partikolari qabel l-iskadenza tagħha, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda rekwiżit għad-dokumentazzjoni li jipprevedi l-fatt li l-faċilitajiet ta' likwidità l-oħra jiġu prelevati previsti għat-tranżazzjonijiet ABCP l-oħra fi ħdan il-programm ABCP.

### Għarfien espert tal-ġestur (Artikolu 26(8))

92. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ġestur għandux għarfien espert fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati skont l-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li japplikaw dawn li ġejjin:

- (a) il-membri tal-korp maniġerjali tal-ġestur u l-persunal superjuri, minbarra l-membri tal-korp maniġerjali, responsabbli mill-amministrazzjoni tal-programm ABCP, jenħtieġ li jkollhom għarfien u ħiliet adegwati fl-amministrazzjoni ta' programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, inkluż għarfien u ħiliet fl-analiżi tal-kwalità tas-sottoskrizzjoni, il-ħolqien u l-ġestjoni tal-iskoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati;
  - (b) kwalunkwe wieħed mill-prinċipji dwar il-kwalità tal-għarfien espert li ġejjin jenħtieġ li jittieħed inkonsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-għarfien espert;
    - (i) ir-rwol u d-dmirijiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri u l-kapaċitajiet meħtieġa għandhom ikunu adegwati;
    - (ii) l-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal superjuri li jkunu kisbu f'pożizzjonijiet preċedenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jkunu suffiċjenti;
    - (iii) l-involviment tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-funzjoni tal-amministrazzjoni tal-programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati jenħtieġ li jkun xieraq;
    - (iv) fil-każ ta' entità regolata b'mod prudenzjali, l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi regolatorji miżmuma mill-entità jenħtieġ li jitqiesu rilevanti għall-amministrazzjoni tal-programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati.
93. Jenħtieġ li ġestur jitqies bħala li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:
- (a) in-negozju tal-entità, jew tal-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet kontabilistiċi jew prudenzjali, inkluda l-amministrazzjoni tal-programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, għal mill-anqas tliet snin;
  - (b) meta r-rekwiżit imsemmi f'punt (a) ma jiġix issodisfat, il-ġestur jenħtieġ li jitqies bħala li għandu l-għarfien espert meħtieġ meta jikkonforma ma' dan li ġej:
    - (i) mill-anqas tnejn mill-membri tal-korp maniġerjali tiegħu jkollhom esperjenza professjonali rilevanti fl-amministrazzjoni tal-programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-anqas tliet snin;
    - (ii) persunal superjuri, minbarra membri tal-korp maniġerjali, li jkunu responsabbli mill-immaniġġar tal-ġestjoni tal-entità ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, ikollu esperjenza professjonali rilevanti fl-

amministrazzjoni tal-programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-anqas ħames snin;

94. Sabiex jintwera n-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali, jenħtiegħ li l-għarfien espert jiġi divulgat f'dettall suffiċjenti u skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli sabiex l-investituri jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5(3)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402.

#### Politiki, proċeduri u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju ddokumentati sew

95. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtiegħ li l-ġestur jitqies bħala li għandu "politiki, proċeduri u kontrolli tal-immaniġġar tar-riskju ddokumentati sew relatati mal-ġestjoni tal-iskoperturi" meta tiġi ssodisfata waħda jew l-oħra mill-kriterji li ġejjin:

- (a) il-ġestur huwa entità soġġetta għal regolazzjoni u superviżjoni prudenzjali u tal-kapital fl-Unjoni u tali awtorizzazzjonijiet jew permessi regolatorji jitqiesu rilevanti għall-amministrazzjoni ta' programmi ABCP li jiffinanzjaw skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, inkluż l-għarfien u l-ħiliet fl-analiżi tal-kwalità tas-sottoskrizzjoni, tal-ħolqien u tal-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati;
- (b) il-ġestur huwa entità li mhijiex soġġetta għal regolazzjoni u superviżjoni prudenzjali u tal-kapital fl-Unjoni, u hija pprovduta prova tal-eżistenza ta' politiki u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju adegwati u ddokumentati sew li tinkludi wkoll prova tal-aderenza għal prattiki tas-suq u kapaċitajiet ta' rappurtar tajba. Jenħtiegħ li l-prova tkun sostanzjata minn analiżi ta' parti terza, bħal aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew awditur estern.